MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 232/2003

**Avviz. numru 232/03**

**Numru**

**Alliance Unichem (Malta) Limited**

**Vs**

**Sebastiano u Patricia konjugi Calabretta u Ocsedet Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf sitt mija u erbgha u erbghin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm1644.87,0) dovut in konnessjoni ma' bejgh ta' prodotti medicinali skond kif hemm indikat fil-fatturi kwotati fil-prospett hawn anness u mmarkat bl-ittra "A".

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza, kif ukoll ta’ l-ittri nterpellatorji ta’ l-14 ta’ Jannar 2003 u 9 ta’ April 2003 (kopji annessi Dok B u Dok C) u ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2003 (kopja annessa mal-avviz Dok D) u bl-imghaxijiet mid-dati ta’ hrug ta’ l-fatturi indikati fil-prospett sad-data ta’ l-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat kif ukoll d-dokumenti kollha annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 sa fol 11 tal-atti,

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 19 tal-atti) u li biha eccepiew bir-rispett:_

Preliminarjament is-socjeta attrici ghandha iggib prova ta’ min ordna il-prodotti medicinali minghandha imsemmija fid-dokument A kif ukoll lil minn konsenjati.

Fit-tieni lok jekk il-prodotti medicinali gew konsenjati u mibjugha lill-M4 Pharmacy ta’ Triq il-Linja Attard l-istess spizerija hija ta’ proprjeta tal-kumpanija Oscedet Limited u l-ammont li talvolta jirrizulta dovut ghandu jigi addebitat lill-istess Kumpanija.

Fit-tielet lok il-konjugi Calabretta personalment ma humiex responsabbli ghall-prez tal-medicinali suppliti lill-ispizerija imsemmija peress illi l-konvenuta Patricia Calabretta hija biss share holder tal-kumpanija Ocsedet Limited u Sebastiano Calbretta kien biss impjegat tal-istess kumpanija.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tas-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn tat-talba attrici, gew prodotti , oltre d-dokumenti hawn fuq imsemmija Joseph Saliba (fol 22 u fol

23 ibid) u Alexandra Borg (fol 25 u fol 26 ibid) rispettivamaent direttur tas-socjeta attrici u impjegata bhala ‘salesgirl’ mal-istess socjeta. L-ewwel xhud spjega illi l-ordinijiet ghal prodotti medicinali imsemmijn fl-avviz minghand is-socjeta attrici kienu jsiru jew mill-konvenut, Sebastian Calabretta jew mill-ispizjar li kien jservi fl-ispizerija bl-isem ta’ “M4 Pharmacy’ sitwata f’Casal Attard. L-istess ordinjiet kienu jsiru minn dawn il-persuni li s-‘salesgirl’ hawn fuq imsemmija. Sussegwentement, kienet tigi ppreparata l-fattura u din flimkien mal-prodotti medicinali ordnati kienu jigu konsenjati minn impjegat iehor tal-istess socjeta attrici. Dwar dan jidher li, wara li ghal certu perjodu ta’ zmien , kienu jsiru l-pagamenti relattivi, dawn kienu waqfu u anke kien gie mahrug, ‘cheque’ ffirmat mill-konvenut u li ma kienx gie onorat mill-bank (ara l-istess ‘cheque’ a fol 24 ibid) . L-istess xhud semma li l-konvenut kien pprometta ghal diversi drabi li kien ser jhallas l-ammont in kwistjoni li ghadu dovut sallum kif ukoll li jonora l-istess cheque, izda ghal xejn. Inoltre hu specifika illi qabel ma nfethet din il-kawza, ma kienx sema’ bl-isem tas-socjeta ‘Ocsedet Limited’ waqt li qal ukoll li kien ra, ghall-ewwel darba, l-isem ta’ din is-socjeta ‘F’wiehed mid-dookuemnti li gie ppresentat mill-Avukat tal-istess Calabretta ….” In rigward ix-xhud l-iehor, l-imsemmija ‘salesgirl’ specifikat illi “… l-ordni … kien jaghtihili l-propretarju taghha, maghruf bhala Nello …” minghajr ma dan kien qatt semma l-isem tas-socjeta ‘Ocsedet Limited’. Inoltre jidher ukoll li xi kultant, l-ordni kien jsir lilha minn ‘xi spizjara … pero ma nafx x’kien jisimha…”

Illi fost id-dokumenti esebiti mal-istess avviz, hemm wiehed, iffirmat biss mill-konvenuti personalment u li bih “… qeghdin jassumu personalment li jhallsu s-somma ta’ Lm1644.87,0 … dovuta minnu Ocsedet Ltd ….” (ara fol 11 tal-atti).

Ikkusidrat

Illi meta xehdu kemm Sebastiano Calabretta (fol 28 u 29 ibid) kemm martu (fol 38 u 39 ibid) dawn fil-qasir, xehdu illi l-ispizerija in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta Ocsedet Ltd

waqt li l-konvenut sostna li kien semplicement impjegat u l-konvenuta qalet illi hi kienet ix-'shareholder' maggoritarju tal-istess socjeta u zewgha kien direttur, azzjonijsta zghir u impjegat b'paga tal-istess socjeta.

Ikkunsidrat

Illi mill-assjem tal-provi kif sintetizzati jidher evidenti illi meta kienu jsiru l-ordnijiet tal-prodotti in kwistjoni, il-konvenuti qatt ma semmew jew b'xi mod indikaw illi kienu qed jagixxu f'isem xi socjeta. Ghalhekk l-istess konvenuti ghandhom jigu ritenuti, b'mod car, illi huma responsabbli, personalment ghall-hlas tal-ammont imsemmi fl-avviz. Dan il-punt jidher car kemm mix-xhieda ta' Joseph Saliba kemm minn dik ta' Alexandra Borg. L-istess fatt hu assodat mill-imsemmija skrittura esebita mal-avviz u ffirmata mill-istess konvenuti u li tinsab a fol 11 tal-atti. Permezz tal-istess skrittura l-konvenuti personalment kien pronti u disposti li jhallsu l-istess ammont specifikat fl-avviz.

Illi dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni fid-dawl tal-premess, hu evidenti u gie pruvat li l-konsenji kienu jsiru lill-konvenuti jew lir-rappresentant tieghu wara li l-istess persuni kienu jaghmlu l-ordnijiet relattivi. In rigward it-tielet eccezzjoni din ma tistax tigi akkolta in vista li, oltre dak li di gja inghad, ghandu jigi presunt, fin-nuqqas ta 'prova kontrarja illi l-ammont in kwistjoni ghandu jigi addebitat lill-konjugi Calabretta flimkien, essendo dejn tal-istess komunjoni tal-akkwisti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet sottomessi mill-konvenut tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' Sebastiano u Patricia konjugi Calabretta, personalment u tikkundanna lil Sebastiano u Patricia konjugi Calabretta sabiex jhallsu, personalment, lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1644.87,0 bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' hrug tal-fatturi skond kif specifikati u indikati fl-anness prospett a fol 2 sa fol 5 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittri interpellatorji tal-14 ta' Jannar 2003 u tad-9 ta' April 2003 u ta' dik ufficjali tal-24

ta' Jannar 2003 a karigu tal-istess Sebastiano u Patricia Calabretta, personalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------